

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-001748/2011

lill-Kummissjoni

Artikolu 117 tar-Regoli ta' Proċedura

Georgios Koumoutsakos (PPE), Mario Mauro (PPE), José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra (PPE), Ioannis Kasoulides (PPE), Simon Busuttil (PPE) u Arnaud Danjean (PPE)

Suġġett: Iż-żieda tal-flussi migratorji legali u klandestini lejn l-Unjoni Ewropea

Wara l-avvenimenti drammatiċi riċenti fl-Eġittu u żviluppi politiċi u soċjali simili f'pajjiżi oħra tal-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani, organizzazzjonijiet internazzjonali u analisti politiċi jikkalkulaw li l-inċertezza li tirriżulta u s-sitwazzjoni ekonomikament fqira ta' parti kbira mill-popolazzjonijiet ta' dawn il-pajjiżi joħolqu l-kundizzjonijiet għal żieda tal-flussi migratorji legali u klandestini lejn l-Unjoni Ewropea, u b'mod speċifiku għall-Istati Membri li jinsabu qrib dawn ir-reġjuni. Avvenimenti riċenti fuq il-gżejjer ta' Lampedusa, fejn eluf ta' migranti waslu mill-Afrika ta' Fuq, jikkonfermaw il-validità ta' dawn l-assunzzjonijiet u l-analiżi.

Tali żvilupp eventwalment se jiggrava l-problema li diġà hija gravi tal-immigrazzjoni illegali li dawn l-Istati Membri qed jaffaċċjaw.

Tista' l-Kummissjoni twieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Il-Kummissjoni qiegħda taqsam l-analiżi msemmija hawn fuq u hija inkwetata dwar l-istimi rigward iż-żieda fin-numru ta' immigranti?
- Il-Kummissjoni x'politiki speċifiċi u x'miżuri preventivi lesta li tipproponi sabiex tittratta ż-żieda aggravament kwantitattiva u kwalitattiva ta' flussi migratorji lejn l-Ewropa?
- Il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Unjoni għall-Mediterran kif jistgħu jintużaw għal dan l-iskop, u x'miżuri addizzjonali jistgħu jiġu promossi f'livell bilaterali?
- Finalment, ta' min wieħed jissuġġerixxi skont dawn iċ-ċirkustanzi, eżami mill-ġdid u eventwalment reviżjoni, tmien snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, tar-Regolament Dublin II?